KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fl-20 ta' Settembru 2018 [1]

Kawża C-313/17 P

George Haswani
vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Appell – Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali – Ammissibbiltà – Proċedura ta' adattament tar-rikors – Ħtieġa ta' adattament tal-motivi u tal-argumenti – Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja – Lista tal-persuni li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta' isem ir-rikorrent"

I. Introduzzjoni

1. Kemm huwa wiesa' l-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tiddetermina jekk rikorrent għandux iressaq motivi u argumenti adattati meta, fil-kuntest ta' rikors dirett, dan ir-rikorrent estenda t-talbiet għall-annullament inizjali tiegħu għal att li kellu l-istess suġġett u li ġie adottat fil-mori tal-kawża?

2. Din hija, essenzjalment, il-mistoqsija mqajma f'dan l-appell ippreżentat minn G. Haswani mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2017, Haswani vs Il-Kunsill (T-231/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:200) (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") inkwantu din tal-aħħar ċaħdet għaliex inammissibbli t-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850 [2] tas-27 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/840 [3] tas-27 ta' Mejju 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (iktar 'il quddiem l-"atti tas-27 ta' Mejju 2016").

3. Bħala prinċipju, il-produzzjoni ta' talbiet u motivi ġodda hija pprojbita. Iċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jeħtieġu formulazzjoni ċara u preċiża tat-talba tar-rikorrent quddiem il-qrati tal-Unjoni [4]. Madankollu, partikolarment fil-qasam tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, spiss jiġri li l-att ikkontestat inizjalment ikun issostitwit fil-mori tal-kawża. Avveniment bħal dan jista' jippermetti lill-partijiet jiżviluppaw ir-rikorsi tagħhom billi jadattaw it-talbiet tagħhom u, jekk ikun il-każ, il-motivi u l-argumenti tagħhom.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU 2016, L 141, p. 125.

3 ĠU 2016, L 141, p. 30.

4 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jipprovdi, b'mod partikolari, li r-rikors għandu jinkludi "it-talbiet u espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati".

4. Din il-kawża tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar il-*modus operandi* tal-Qorti Ġenerali meta ssirilha talba għal adattament tat-talbiet, mingħajr adattament tal-motivi u tal-argumenti. L-Artikolu 86(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali[5], li l-interpretazzjoni tiegħu hija l-qofol ta' din il-kawża, jindika li n-nota ta' adattament, minbarra t-talbiet adattati, għandha tinkludi, b'mod partikolari, "jekk ikun il-każ, il-motivi u l-argumenti adattati". Huwa għalhekk xieraq li tiġi ddeterminata l-portata tal-frażi "jekk ikun il-każ".

5. Din il-kawża turi t-tensjoni li tista' tinħoloq bejn, minn naħa, il-paralleliżmu tal-forom li jorbot ir-regoli dwar l-adattament tat-talbiet u tal-motivi u l-argumenti ma' dawk dwar il-preżentata tar-rikors inizjali u, min-naħa l-oħra, l-eżiġenzi ta' ekonomija tal-proċedura li għandhom l-għan li jiġi evitat li r-rikorrent jiġi obbligat jippreżenta rikors ġdid għal kull att li jestendi jew li jemenda deċiżjoni preċedenti meħuda fir-rigward tiegħu.

6. Sabiex tirrispondi għad-domanda li tqajmet f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkun meħtieġa ssib bilanċ ġust bejn dawn ir-regoli u rekwiżiti, filwaqt li tiżen id-diversi prinċipji involuti.

II. L-atti kontenzjużi, il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7. L-appellant huwa negozjant ta' nazzjonalità Sirjana, imħarreġ bħala inġinier, u fundatur tal-kumpannija HESCO, speċjalizzata fis-settur taż-żejt u tal-gass.

8. L-appellant kien suġġett għal miżuri restrittivi fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK). Ismu ġie inkluż fil-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK, tal-31 ta' Mejju 2013, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja[6], permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/383 tas-6 ta' Marzu 2015[7], kif ukoll fil-lista li tinsab fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011[8], permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/375[9] (iktar 'il quddiem l-"atti tas-6 ta' Marzu 2015"). B'mod partikolari, l-Artikolu 28(1) tad-Deċiżjoni 2013/255 jipprovdi għall-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi kollha ta' persuni u entitajiet li jibbenefikaw mill-politika mħaddna mir-reġim jew li jappoġġawh.

9. Permezz tal-atti tas-6 ta' Marzu 2015, l-assi tal-appellant ġew iffriżati għar-raġunijiet li ġejjin:

"Negozjant Sirjan prominenti, koproprjetarju ta' HESCO Engineering and Construction Company, kumpanija tal-inġinerija u tal-kostruzzjoni ewlenija fis-Sirja. Huwa għandu rabtiet mill-qrib mar-reġim Sirjan.

George Haswani jagħti sostenn lir-reġim u jibbenefika minnu permezz tar-rwol tiegħu bħala persuna intermedjarja f'negozjati għax-xiri taż-żejt mill-ISIL mir-reġim Sirjan.

Huwa jibbenefika wkoll mir-reġim permezz ta' trattament favorevoli inkluż l-għoti ta' kuntratt (bħala sottokuntrattur) ma' Stroytransgaz, kumpannija taż-żejt ewlenija Russa."

10. Fil-5 ta' Mejju 2015, l-appellant ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tal-atti tas-6 ta' Marzu 2015.

5 Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2015 (ĠU 2015, L 105, p. 1). L-Artikolu 1(7) tal-emendi għal dawn ir-Regoli tat-13 ta' Lulju 2016 (ĠU 2016, L 217, p. 73), li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2016, biddel in-numerazzjoni tal-Artikolu 86(3) sa (6). Dawn il-paragrafi saru l-paragrafi 4 sa 7 tal-imsemmi artikolu. Għalkemm is-sentenza appellata rreferiet għan-numerazzjoni l-ġdida tal-Artikolu 86, għandi nirrileva li n-noti tal-partijiet fl-appell ġieli kkwotaw b'mod żbaljat in-numerazzjoni preċedenti, li tista' twassal għal konfużjoni.

6 ĠU 2013, L 147, p. 14.

7 ĠU 2015, L 64, p. 41.

8 ĠU 2011, L 16, p. 1.

9 ĠU 2015, L 64, p. 10.

11. Fit-28 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/837, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255[10] li testendi dik id-deċiżjoni sal-1 ta' Ġunju 2016 u temenda l-Anness I għal dik id-deċiżjoni. Fl-istess jum, il-Kunsill adotta wkoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/828, li jimplimenta r-Regolament Nru 36/2012[11], li jemenda l-Anness II għall-imsemmi regolament (iktar 'il quddiem l-"atti tat-28 ta' Mejju 2015").

12. Permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Ġunju 2015, l-appellant adatta t-talba bil-għan li jikseb ukoll l-annullament tal-atti tat-28 ta' Mejju 2015 (iktar 'il quddiem l-"ewwel nota ta' adattament").

13. Fit-12 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta, minn naħa, id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1836, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255[12], u, min-naħa l-oħra, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1828, li jemenda r-Regolament Nru 36/2012[13] (iktar 'il quddiem l-"atti tat-12 ta' Ottubru 2015"). B'mod partikolari, id-Deċiżjoni 2015/1836 iżżid il-paragrafu 2 mal-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni 2013/255, fejn huwa ppreċiżat li huma ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lill-persuni li jaqgħu, b'mod partikolari, fil-kategorija ta' "negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja".

14. Permezz tal-ittra tad-29 ta' April 2016, il-Kunsill innotifika lill-appellant bl-intenzjoni tiegħu li jżommu fil-listi inkwistjoni kif ukoll il-modifika tal-motivazzjoni użata fir-rigward tiegħu. L-appellant, permezz tal-avukat tiegħu, wieġeb lill-Kunsill bl-ittra datata t-12 ta' Mejju 2016.

15. Permezz tal-atti tas-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill inkluda isem l-appellant fl-annessi għall-imsemmija atti għar-raġunijiet li ġejjin:

"Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet fis-setturi tal-inġinerija, tal-bini u taż-żejt u l-gass. Għandu interessi fi u/jew għandu influwenza sinifikanti f'għadd ta' kumpaniji u entitajiet fis-Sirja, b'mod partikolari HESCO Engineering and Construction Company, kumpanija ewlenija tal-inġinerija u tal-bini.

George Haswani għandu rabtiet mill-qrib mar-reġim Sirjan. Huwa jagħti appoġġ lir-reġim u jgawdi minnu permezz tar-rwol tiegħu bħala medjatur f'negozjati għax-xiri taż-żejt mingħand l-ISIL mir-reġim Sirjan. Huwa jgawdi wkoll mir-reġim permezz ta' trattament favorevoli inkluż l-għoti ta' kuntratt (bħala sottokuntrattur) ma' Stroytransgaz, kumpanija ewlenija taż-żejt Russa."

16. Permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Lulju 2016, l-appellant talab sabiex jadatta t-talba fl-ewwel istanza sabiex jikseb ukoll l-annullament tal-atti tas-27 ta' Mejju 2016 (iktar 'il quddiem it-"tieni nota ta' adattament" jew it-"tieni talba għal adattament").

17. Permezz tal-ittra tat-22 ta' Lulju 2016, il-Kunsill ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din in-nota.

18. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, ċaħdet bħala inammissibbli t-tieni talba għal adattament tar-rikors minħabba li t-tieni nota ta' adattament kellha tiddikjara l-motivi u l-argumenti adattati insostenn tat-talbiet għall-annullament, skont l-Artikolu 86(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

10 ĠU 2015, L 132, p. 82.
11 ĠU 2015, L 132, p. 3.
12 ĠU 2015, L 266, p. 75.
13 ĠU 2015, L 266, p. 1.

19. B'mod iktar preċiż, il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, iddeċidiet, fil-punti 41 sa 47 tas-sentenza appellata, li, peress li l-kuntest ġuridiku dwar il-miżuri restrittivi u/jew il-kriterji għall-elenkar fil-listi nbidlu, kien l-appellant li kellu jadatta l-motivi u l-argumenti tiegħu sabiex jittieħed kont ta' dan. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, dan ir-rekwiżit ma ġiex sodisfatt peress li t-talba għal adattament inkwistjoni sempliċement talbet l-estensjoni tat-talbiet tar-rikors, mingħajr ma pprovdiet spjegazzjoni ulterjuri jew ma invokat punt ta' fatt u ta' liġi ġdid, li jqisu l-iżvilupp tal-kuntest ġuridiku applikabbli, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' kriterji ġodda għall-elenkar.

20. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll bħala infondata t-talba għad-danni ppreżentata mill-appellant, sa fejn l-eżistenza ta' dannu ma ġietx ipprovata.

21. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tielet motiv tar-rikors ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni tal-Kunsill u annullat l-atti tas-6 ta' Marzu 2015, kif ukoll l-atti tat-28 ta' Mejju 2015. Skont il-Qorti Ġenerali, l-elementi ppreżentati f'dan il-każ mill-Kunsill ma kinux jikkostitwixxu sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita b'mod suffiċjenti l-fondatezza tar-raġunijiet meqjusa kontra l-appellant għall-finijiet tal-liġi, ladarba l-Kunsill ma pproduċiex provi li jistgħu juru l-eżistenza ta' rabta bejn l-appellant u r-reġim Sirjan.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

22. Permezz tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata inkwantu din tiddikjara inammissibbli t-talba għal annullament tal-atti tas-27 ta' Mejju 2016, inkwantu din tiċħad it-talba għad-danni, u inkwantu tikkundanna lill-appellant ibati, minbarra l-ispejjeż relatati mat-talbiet tiegħu stess, żewġ terzi mill-ispejjeż imġarrba mill-Kunsill;

– tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu, tordna t-tneħħija ta' isem l-appellant mill-annessi għall-atti msemmija hawn fuq, u taqta' l-kawża u tannulla l-atti tat-12 ta' Ottubru 2015;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas ta' EUR 700 000 f'danni bħala kumpens għad-danni kollha mġarrba;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u għall-ispejjeż kollha quddiem il-Qorti Ġenerali.

23. Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell bħala manifestament inammissibbli u/jew manifestament infondat;

– tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż.

24. Skont l-Artikolu 172 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni Ewropea, intervenjenti fl-ewwel istanza, ippreżentat risposta li fiha hija ngħaqdet mat-talbiet tal-Kunsill u talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell kollu u tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż.

IV. Analiżi

25. Insostenn tal-appell tiegħu, li jirreferi għall-punti 39 sa 47 tas-sentenza appellata, l-appellant iqajjem ħames aggravji. Essenzjalment, tlieta minn dawn l-aggravji jirrigwardaw l-ewwel punt tad-dispożittiv tas-sentenza appellata u jilmentaw li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 86(4) u (5) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha billi ċaħdet bħala inammissibbli t-tieni talba għal adattament. Ir-raba'

aggravju jitlob l-annullament tal-atti tat-12 ta' Ottubru 2015 u li jingħata l-kumpens mitlub fl-ewwel istanza, filwaqt li l-ħames aggravju jirrigwarda r-raba' u l-ħames punti tad-dispożittiv tas-sentenza appellata inkwantu l-Qorti Ġenerali kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll għal parti mill-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill.

26. Hawnhekk ser niffoka fuq l-eżami tal-ewwel tliet aggravji, li nqis li għandhom jiġu milqugħa. Min-naħa l-oħra, ir-raba' aggravju, li permezz tiegħu l-appellant jitlob l-annullament tal-atti tat-12 ta' Ottubru 2015, jidhirli li huwa manifestament inammissibbli, peress li dawn l-atti ma ġewx ikkontestati fl-ewwel istanza. L-eżitu tal-ħames motiv, min-naħa l-oħra, jiddependi essenzjalment mill-kwistjoni dwar jekk l-appell quddiem il-Qorti Ġenerali jistax jinqata' mill-Qorti tal-Ġustizzja jew le. Nindika minn issa li jidhirli li l-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-ispejjeż jiġu rriżervati [14].

A. Fuq l-ewwel tliet aggravji, ibbażati fuq ksur tal-Artikolu 86(4) u (5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali

1. Sunt tal-argumenti tal-partijiet

27. L-appellant jesponi li l-Artikolu 86(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma jippermettix lil din tal-aħħar tiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà tat-tieni talba għal adattament. Kuntrarjament għall-Artikolu 86(5) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, il-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu bl-ebda mod ma jipprevedi li l-elementi li huma mistennija min nota ta' adattament huma preskritti taħt piena ta' inammissibbiltà. L-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali ma tistax tiċħad it-talbiet ta' nota ta' adattament mingħajr ma teżamina jekk ir-rikorrent irċeviex jew le talba għal regolarizzazzjoni mingħand ir-Reġistratur. Sabiex wasal għal din il-konklużjoni, l-appellant jestendi għall-Artikolu 86(4) l-obbligu espliċitu tal-paragrafu 5 tal-istess artikolu, li jgħid li r-Reġistratur għandu jitlob ir-regolarizzazzjoni tan-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-att li jiġġustifika l-adattament qabel ma l-Qorti Ġenerali tiddikjara, jekk ikun il-każ, l-inammissibbiltà tan-nota ta' adattament. Barra minn hekk, l-appellant isostni li l-frażi "jekk ikun il-każ", li tinsab fl-Artikolu 86(4)(b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tfisser li n-nota ta' adattament irid ikun fiha l-motivi u l-argumenti adattati biss meta dawn ikunu meħtieġa, jiġifieri biss meta d-deċiżjonijiet ikkontestati jkunu sostanzjalment differenti, lil hinn minn sempliċi differenzi ta' formulazzjoni. Issa, dan ma huwiex il-każ fil-kawża preżenti. Fil-fatt, fl-opinjoni tal-appellant, l-emenda tar-raġunijiet għall-elenkar, li seħħet fid-dokumenti tas-27 ta' Mejju 2016, ma kinitx teħtieġ l-adattament ulterjuri tal-motivi u tal-argumenti esposti fil-kuntest tar-rikors fl-ewwel istanza, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali.

28. Preliminarjament, il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni, jallega li l-appellant ma jispeċifikax biżżejjed skont il-liġi d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-Qorti Ġenerali hija allegata li kisret, u dan iwassal għall-inammissibbiltà tal-ewwel tliet aggravji. Il-Kummissjoni żżid li, meta jsostni li r-raġunijiet għall-elenkar ma nbidlux, l-appellant għandu l-għan li jikkontesta l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali, xi ħaġa li hija inammissibbli fl-istadju ta' appell.

14 Nippreċiża li din il-proposta hija valida għall-ispejjeż relatati mal-proċedura dwar it-tieni talba għal adattament tar-rikors, li kienu s-suġġett tal-punt 5 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata. Għandu jiġi rrilevat li, fir-raba' kap tat-talbiet, l-appellant jitlob ukoll l-annullament tal-punt 4 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata inkwantu jikkundanna lill-appellant ibati żewġ terzi mill-ispejjeż tiegħu tal-proċedura dwar l-atti tas-6 ta' Marzu 2015 u tat-28 ta' Mejju 2015. Issa, billi tali atti ġew annullati mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrent ma jistax, taħt piena ta' inammissibbiltà, jikkontesta biss, fl-istadju tal-appell, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-oneru u l-ammont tal-ispejjeż ta' dik il-parti tal-proċedura li tikkonċerna l-legalità ta' atti bħal dawn, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Mhux se nirreferi aktar għal dan il-punt f'dawn il-konklużjonijiet.

29. Fir-rigward tal-mertu, skont il-Kunsill, il-kwistjoni tar-regolarizzazzjoni prevista fl-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma tqumx li kieku t-tieni nota ta' adattament kienet akkumpanjata mill-atti li jiġġustifikaw l-adattament tar-rikors u li, għaldaqstant, eventwali regolarizzazzjoni ma kinitx meħtieġa. Barra minn hekk, mill-Artikolu 86(4) tal-imsemmija regoli jirriżulta li hija l-persuna kkonċernata li għandha l-obbligu li tippreżenta l-motivi u l-argumenti adattati "jekk ikun il-każ". Dan l-obbligu għandu jiġi applikat fuq bażi ta' każ b'każ, u dan jippreżupponi evalwazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, fil-mertu tal-bżonn li jiġu ppreżentati motivi u argumenti adattati. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iqis li, peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kriterji u r-raġunijiet għall-elenkar tal-appellant kienu ġew emendati permezz tal-adozzjoni tal-atti msemmija mit-tieni nota ta' adattament tal-appellant, kien dan tal-aħħar li kellu l-obbligu li jippreżenta l-motivi u l-argumenti adattati għal emenda tal-kuntest ġuridiku applikabbli. Għalhekk, fit-tieni nota ta' adattament l-appellant kellu jippreżenta argumenti li setgħu jiftħu dibattitu dwar il-mertu fir-rigward tal-legalità tal-atti tas-27 ta' Mejju 2016 u jippermetti lill-Kunsill jipprepara d-difiża tiegħu.

30. Filwaqt li taqbel mal-Kunsill, il-Kummissjoni żżid li l-appellant, fit-tieni nota ta' adattament tiegħu, naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu ta' diliġenza billi ppreżenta nota partikolarment inkompleta li bl-ebda mod ma tissodisfa r-rekwiżiti imposti.

2. Evalwazzjoni

31. Preliminarjament, l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà tal-appell imqajma mill-Kunsill u mill-Kummissjoni għandhom jiġu miċħuda malajr. Fir-rigward ta' dik esposta mill-Kunsill, ma hemmx dubju li permezz tal-ewwel tliet aggravji, l-appellant jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli interpretat ħażin l-Artikolu 86(4) u (5) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta ddeċidiet, fil-punti 39 sa 47 tas-sentenza appellata, li t-tieni talba għal adattament kellha tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli minħabba li ma kinitx tinkludi motivi u argumenti adattati.

32. L-oġġezzjoni magħmula mill-Kummissjoni, li tgħid li l-appellant sempliċiment jikkontesta l-konstatazzjoni fattwali tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-kuntest ġuridiku u r-raġunijiet individwali għall-elenkar tal-appellant fil-listi kienu "modifikati", lanqas ma hija konvinċenti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-appellant jikkritika, essenzjalment, il-konsegwenzi legali li l-Qorti Ġenerali siltet mill-introduzzjoni ta' kriterji ġodda għall-elenkar u mill-emenda tar-raġunijiet tal-elenkar ta' ismu fil-listi għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 86(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Fi kliem ieħor, l-appellant jikkunsidra li l-konstatazzjoni ta' emenda tal-kuntest ġuridiku rilevanti u tar-raġunijiet għall-elenkar individwali ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi miċħuda nota ta' adattament ta' rikors li ma jkunx fiha motivi u argumenti adattati, skont l-Artikolu 86(4) tal-imsemmija regoli. Din il-kwistjoni hija ċertament kwistjoni ta' dritt, li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

33. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet preliminari, niġi għall-qalba tal-kawża rrinvijata lill-Qorti tal-Ġustizzja.

34. Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, it-talbiet tal-partijiet huma bħala prinċipju kkaratterizzati mill-immutabbiltà tagħhom [15].

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ammettiet, minn tal-inqas, eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, jiġifieri l-possibbiltà għall-partijiet li jadattaw it-talbiet u l-motivi tagħhom meta l-att ikkontestat huwa, fil-mori tal-kawża, issostitwit jew emendat permezz ta' att ġdid, li għandu l-istess għan [16].

15 Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, HX vs Il-Kunsill (C-423/16 P, EU:C:2017:848, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2003, Hendrickx vs Cedefop (C-217/01 P, EU:C:2003:226, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36. Din l-eċċezzjoni hija ġustifikata għall-finijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-ħtieġa ta' ekonomija tal-ġudizzju, biex jiġi evitat li r-rikorrent ikollu jippreżenta rikors ġdid. Barra minn hekk, hija bbażata wkoll fuq il-fatt li jkun inġust li l-istituzzjoni inkwistjoni tkun tista', sabiex tikkonfronta l-kritika magħmula f'rikors ippreżentat kontra att quddiem Qorti tal-Unjoni, timmodifika l-att ikkontestat jew tibdlu b'att ieħor u tinqeda, fil-mori tal-kawża, minn din il-modifika jew minn dan il-bdil sabiex iċċaħħad lill-parti l-oħra mill-possibbiltà li testendi t-talbiet u l-motivi inizjali tagħha għall-att li jsir wara jew mill-possibbiltà li tippreżenta talbiet u motivi addizzjonali kontrih [17].

37. Kif diġà kkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jikkostitwixxi l-kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq dwar din l-eċċezzjoni għall-prinċipju tal-immutabbiltà [18].

38. Fil-fatt l-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jiddikjara li, meta att li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu jiġi sostitwit jew emendat b'att ieħor li jkollu l-istess suġġett, ir-rikorrent jista', qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura jew qabel ma l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li taqta' l-kawża mingħajr il-fażi orali tal-proċedura, jadatta r-rikors sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-element ġdid.

39. Dan l-artikolu jippreċiża, fil-paragrafu 4 tiegħu, li n-nota ta' adattament għandha tinkludi mhux biss it-talbiet adattati, iżda wkoll "*jekk ikun il-każ*, il-motivi u l-argumenti adattati" [19].

40. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura, in-nota ta' adattament għandha jkollha magħha l-att li jiġġustifika l-adattament tar-rikors. Jekk dan l-att ma jiġix prodott, ir-Reġistratur għandu jiffissa għar-rikorrent terminu raġonevoli għall-produzzjoni tiegħu. Fin-nuqqas ta' din ir-regolarizzazzjoni fit-terminu mogħti, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' dan ir-rekwiżit jimplikax l-inammissibbiltà tan-nota li tadatta r-rikors.

41. Fl-aħħar nett, skont il-paragrafu 6 ta' dan l-istess artikolu, il-President għandu jiffissa terminu għall-konvenut sabiex jippreżenta risposta għan-nota ta' adattament, *bla ħsara għad-deċiżjoni li għad tkun trid tingħata mill-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà tan-nota li tadatta r-rikors*.

42. *Fl-ewwel u t-tieni aggravji*, l-appellant isostni, b'riferiment għall-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li din tal-aħħar ma setgħetx tiddikjara t-tieni talba għal adattament tar-rikors inammissibbli minħabba li n-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' motivi u argumenti adattati ma huwiex sanzjonat b'mod espliċitu bl-inammissibbiltà. Sussidjarjament, l-appellant isostni li, anki jekk jitqies li l-Qorti Ġenerali tista' tiddikjara l-inammissibbiltà tat-tieni talba għal adattament minħabba l-assenza ta' motivi u argumenti rilevanti, il-Qorti Ġenerali xorta kellha tistieden minn qabel lill-appellant jirregolarizza l-imsemmija talba, skont l-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

43. Din it-teżi ma tikkonvinċinix.

44. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument żviluppat b'mod prinċipali, inqis li l-appellant qed jaqra parzjalment l-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, il-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu jagħti lill-Qorti Ġenerali l-possibbiltà li tiddikjara l-inammissibbiltà tan-nota ta' adattament tar-rikors, anki jekk din in-nota tkun ġiet innotifikata lill-konvenut, għal kwalunkwe raġuni oħra minbarra dik tal-ommissjoni li jiġi prodott l-att li jiġġustifika l-adattament tar-rikors prevista fl-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Fi kliem ieħor, meta jindika li l-Qorti

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 1982, Alpha Steel vs Il-Kummissjoni (14/81, EU:C:1982:76, punt 8), u tal-14 ta' Lulju 1988, Stahlwerke Peine-Salzgitter vs Il-Kummissjoni (103/85, EU:C:1988:398, punti 11 u 12). Ara wkoll, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2017, Almaz-Antey Air and Space Defence vs Il-Kunsill (T-255/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:25, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, HX vs Il-Kunsill (C-423/16 P, EU:C:2017:848, punt 18).

19 Korsiv miżjud minni.

Ġenerali tistieden lill-konvenut iwieġeb għan-nota ta' adattament "bla ħsara għad-deċiżjoni li għad tkun trid tingħata mill-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà tan-nota li tadatta r-rikors", l-Artikolu 86(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali japplika neċessarjament għall-każijiet l-oħrajn kollha minbarra dak li huwa speċifikament irregolat mill-paragrafu 5 tal-imsemmi artikolu.

45. Li s-setgħa tal-Qorti Ġenerali li tiddikjara n-nota ta' adattament tar-rikors inammissibbli tiġi limitata, kif isostni l-appellant, għas-sempliċi ipoteżi msemmija fl-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, jkun ifisser, pereżempju, li ma tkunx tista' tiddikjara inammissibbli tali nota li tkun ġiet ippreżentata bi ksur tat-terminu previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif huwa msemmi fl-Artikolu 86(2) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura.

46. Ma nemminx li din kienet l-intenzjoni tal-Kunsill meta adotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali [20].

47. L-Artikolu 86(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali għandu għalhekk jiġi interpretat, fil-fehma tiegħi, bħala li jawtorizza lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi fuq l-ammissibbiltà tan-nota li tadatta t-talba minħabba kwalunkwe nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-imsemmi artikolu.

48. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tal-appellant żviluppat sussidjarjament, bil-kontra ta' dak li dan tal-aħħar jallega, ma naħsibx li wieħed jista' jibbaża argument fuq l-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali sabiex jobbliga lil din tal-aħħar, qabel ma tiddikjara inammissibbli nota ta' adattament ta' rikors, tistieden lill-appellant sabiex jirrimedja jew jikkoreġi n-nota tiegħu.

49. Ċertament, stedina bħal din mill-Qorti Ġenerali ma hijiex limitata għall-każ tan-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-att li jiġġustifika l-adattament tar-rikors previst espressament fl-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

50. Fil-fatt, fis-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, HX vs Il-Kunsill (C-423/16 P, EU:C:2017:848, punti 22 sa 27), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat sentenza tal-Qorti Ġenerali li permezz tagħha din kienet iddikjarat inammissibbli talba għal adattament tar-rikors għar-raġuni li din ma ġietx ippreżentata permezz ta' att separat b'mod konformi mal-Artikolu 86(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk il-Qorti Ġenerali kienet tal-fehma li t-talba għall-adattament tar-rikors ippreżentata oralment matul is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali ma kinitx tosserva l-kundizzjonijiet formali previsti fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, hija kellha f'tali każ, "minn tal-inqas, tindika dan l-iżball lill-appellant u tagħtih l-opportunità li jirrimedjah".

51. Mingħajr ma l-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet il-possibbiltà li l-Qorti Ġenerali tissanzjona n-nuqqas ta' osservanza ta' tali rekwiżit formali, previst mir-Regoli tal-Proċedura tagħha, permezz ta' dikjarazzjoni ta' inammissibbiltà tan-nota ta' adattament tar-rikors, madankollu hija ssuġġettat din il-possibbiltà għall-obbligu tal-Qorti Ġenerali li qabel tistieden lir-rikorrent jirregola jew jirrettifika t-talba tiegħu.

52. Madankollu, dak li huwa validu għal estensjoni għal rekwiżiti ta' forma oħra differenti minn dak tal-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ma jistax, fil-fehma tiegħi, jiġi traspost għall-kontenut tan-nota ta' adattament.

20 Barra minn hekk, anki kieku din kienet ir-rieda tal-Kunsill, sa fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-termini għall-preżentata ta' rikors ġudizzjarju huma ta' ordni pubbliku u ma humiex fid-dispożizzjoni tal-partijiet, ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jistgħu jitqiesu inkompatibbli mal-Artikolu 263(6) TFUE.

53. Fil-fatt, bħalma l-Qorti Ġenerali ma tistax tistieden lil rikorrent jestendi l-portata tat-talbiet tiegħu għal att ġdid li dan ir-rikorrent naqas milli jadatta [21], u għalhekk li jikkontesta, lanqas ma tista' titlob lil dan ir-rikorrent jadatta l-motivi u l-argumenti tiegħu, anki jekk dan naqas milli jadattahom, volontarjament jew le.

54. Dan l-approċċ jirriżulta mir-rwol tal-qorti tal-Unjoni fis-sistema tal-kontenzjuż tal-legalità tal-atti tal-Unjoni. Infakkar li din is-sistema hija kkaratterizzata mill-prinċipju dispożittiv li jipprevedi li huma l-partijiet li għandhom l-inizjattiva tal-proċess u li jiddeterminaw is-suġġett tal-kawża, u l-qorti għandha, konsegwentement, tiddeċiedi fuq dak kollu li tintalab u biss fuq dak li tintalab [22].

55. Il-prinċipju dispożittiv huwa espress preċiżament f'regoli differenti dwar il-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 120(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u fl-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jipprovdu li l-qrati tal-Unjoni jiġu aditi b'rikors li għandu jindika, *inter alia*, is-suġġett tal-kawża, it-talbiet u sunt tal-motivi invokati [23].

56. Huwa ċar, fil-fehma tiegħi, li dan l-istess prinċipju huwa espress ukoll fl-Artikolu 86(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jelenka l-elementi li n-nota ta' adattament għandha tinkludi, bħall-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura, fir-rigward tal-introduzzjoni tar-rikors. Dan ifisser li l-Qorti Ġenerali ma tistax, mingħajr ma tikser l-awtonomija tal-partijiet kif ukoll il-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali, tistieden rikorrent jirregolarizza n-nota tiegħu ta' adattament tar-rikors sabiex jadatta l-motivi u l-argumenti tiegħu, anki jekk dan tal-aħħar inizjalment ikun qies li dan ma kienx meħtieġ. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kwistjoni dwar jekk u sa fejn rikorrent jinvoka d-drittijiet tiegħu quddiem il-qorti jiddependi ħafna mir-rieda tiegħu, u ma huwiex il-kompitu tal-qorti tal-Unjoni li jissostitwixxih.

57. Għaldaqstant, il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali li tiddikjara inammissibbli nota ta' adattament tar-rikors li ma jkunx fiha l-motivi u l-argumenti adattati, ma hijiex suġġetta għal stedina minn qabel sabiex ir-rikorrent jirregolarizza l-imsemmija nota.

58. Iżda din il-kompetenza ma tfissirx li l-Qorti Ġenerali tista' tiċħad immedjatament kwalunkwe nota ta' adattament tar-rikors li ma tkunx tinkludi motivi u argumenti adattati.

59. Fil-fatt, skont l-Artikolu 86(4)(b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, din il-kompetenza hija suġġetta għall-verifika minn din tal-aħħar ta' jekk kienx hemm lok li dawn il-motivi u l-argumenti adattati jiġu ppreżentati.

21 F'dan ir-rigward, jiena ma naqbilx mal-*obiter dictum* li jirriżulta mill-punt 42 tas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2017, DEI vs Il-Kummissjoni (C-228/16 P, EU:C:2017:409), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja, b'riferiment għall-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, indikat li din tal-aħħar "setgħet" tistaqsi lill-appellanti f'din il-kawża jekk, wara l-intervent ta' deċiżjoni konfermattiva, "hija kellhiex l-intenzjoni tadatta t-talbiet tagħha" għall-annullament ta' deċiżjoni preċedenti u tressaqhom ukoll kontra d-deċiżjoni konfermattiva. Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta b'mod ċar mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest partikolari ta' din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kienet adita b'żewġ rikorsi separati, wieħed kontra l-ewwel deċiżjoni (Kawża T-639/14, li kienet is-suġġett tal-appell fil-Kawża C-228/16 P) u l-ieħor kontra d-deċiżjoni konfermattiva (kawża T-352/15). Madankollu, ladarba l-Qorti Ġenerali hija adita b'żewġ rikorsi distinti kontra atti li jkollhom l-istess suġġett, ma tibqax kwistjoni ta' applikazzjoni tal-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, iżda tat-tgħaqqid eventwali taż-żewġ rikorsi. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma tistax tadixxi lilha nfisha bit-talbiet għal annullament. Fi kliem ieħor, il-Qorti Ġenerali tiskopri biss l-eżistenza ta' att li jemenda jew jissostitwixxi att preċedenti, li għandhom l-istess suġġett, jekk din tkun ġiet adita preċedentement jew b'talbiet għal annullament f'rikors awtonomu, skont l-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, jew b'talbiet ta' adattament, skont l-Artikolu 86 ta' dak ir-regolament. Konsegwentement, fl-ewwel ipoteżi, kif indikat hawn fuq, il-kawża ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, u ma hemmx lok li din tistieden lir-rikorrenti sabiex tadatta t-talbiet tagħha. Bl-istess mod, fit-tieni ipoteżi, ma hemm l-ebda bżonn li tistieden lir-rikorrenti sabiex tadatta t-talbiet tagħha, peress li talba għal adattament diġà ġiet ippreżentata.

22 Ara l-punt 84 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża British Airways vs Il-Kummissjoni (C-122/16 P, EU:C:2017:406) li għaliha tagħmel riferiment il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 87 tas-sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, British Airways vs Il-Kummissjoni (C-122/16 P, EU:C:2017:861).

23 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża British Airways vs Il-Kummissjoni (C-122/16 P, EU:C:2017:406, punt 39) kif ukoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, British Airways vs Il-Kummissjoni (C-122/16 P, EU:C:2017:861, punt 86).

60. Kif sostnew kemm ir-rikorrent *fit-tielet aggravju tiegħu* kif ukoll il-Kunsill, il-kwistjoni ta' "jekk ikun il-każ", fis-sens tal-Artikolu 86(4)(b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, teħtieġ l-eżami, f'kull każ partikolari, tal-ħtieġa għar-rikorrent li jagħmel dan l-adattament [24].

61. Dan il-kriterju ta' "neċessità" għandu jinftiehem fid-dawl tal-għanijiet tal-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, ikun kuntrarju għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tal-ekonomija tal-ġudizzju li r-rikorrent, *li jkun adatta t-talbiet tiegħu*, jintalab jirrepeti fin-nota ta' adattament tar-rikors motivi u argumenti identiċi għal dawk żviluppati kontra l-att ikkontestat inizjalment.

62. F'din il-perspettiva, il-preżentazzjoni ta' motivi u ta' argumenti adattati hija neċessarja meta, għalkemm ikollu l-istess għan [25], l-att li jiġġustifika l-adattament tar-rikors ikollu differenzi sostanzjali mill-att ikkontestat inizjalment u mhux differenzi purament formali [26]. Fil-fatt, jekk l-att sussegwenti jkun fih biss differenzi purament formali mill-att ikkontestat inizjalment, l-estensjoni impliċita tal-motivi u tal-argumenti mqajma kontra dan tal-aħħar, li tirriżulta mill-adattament espliċita tat-talbiet, hija biżżejjed.

63. Issa, f'dan il-każ u fl-ewwel lok, mingħajr ma huwa kkontestat li l-atti inkwistjoni għandhom l-istess għan, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali sempliċement irrilevat jew ikkonstatat li *r-raġunijiet għall-elenkar* tar-rikorrent kienu ġew emendati, mingħajr ma spjegat kif, minn naħa, l-atti tas-6 ta' Marzu 2015 (l-atti inizjalment ikkontestati) u dawk tat-28 ta' Mejju 2015 (l-atti li kienu s-suġġett tal-ewwel talba ta' adattament) u, min-naħa l-oħra, l-atti tas-27 ta' Mejju 2016 (li kienu s-suġġett tat-tieni talba għal adattament) kienu sostanzjalment differenti b'tali mod li jeħtieġu l-produzzjoni ta' motivi u argumenti adattati.

64. Fil-fatt, fil-punt 42 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali "osservat" li "r-raġunijiet għall-elenkar u għaż-żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni inbidlu", u illimitat ruħha li tikkwota, *in extenso* f'dak il-punt u fil-punt 43 tas-sentenza appellata, iż-żewġ verżjonijiet tar-raġunijiet individwali kontra r-rikorrent li kienu jiġġustifikaw l-inklużjoni tiegħu fil-listi.

65. Issa, il-Qorti Ġenerali ma identifikat l-ebda differenza sostanzjali bejn ir-raġunijiet individwali kontra r-rikorrent użati fl-atti tas-6 ta' Marzu u tat-28 ta' Mejju 2015 minn naħa, u f'dawk tas-27 ta' Mejju 2016, min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, is-sempliċi qari ta' dawn il-kwotazzjonijiet, li huma riprodotti fil-punti 9 u 15 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma jindika l-ebda differenza sostanzjali bejn dawn ir-raġunijiet.

66. L-identifikazzjoni ta' tali differenza sostanzjali bejn ir-raġunijiet individwali tal-elenkar tar-rikorrent kienet iktar u iktar importanti, fil-fehma tiegħi, ladarba l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kunsill la kien issostanzja r-rwol ta' intermedjarju tar-rikorrent fit-tranżazzjonijiet tax-xiri taż-żejt u l-eżistenza ta' rabta bejn ir-rikorrent u r-reġim Sirjan u lanqas ma kien ipprovda biżżejjed preċiżjoni fir-rigward tal-kuntratt konkluż mal-kumpannija Stroytransgaz, raġunijiet li huwa stabbilit li huma indikati kemm fl-atti tas-6 ta' Marzu u tat-28 ta' Mejju 2015, li l-Qorti Ġenerali annullat, kif ukoll f'dawk tas-27 ta' Mejju 2016 li ġġustifikaw t-tieni talba għal adattament.

67. Fit-tieni lok, jekk qed nifhem tajjeb ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali, jidher li sempliċi modifika tal-*kuntest ġuridiku*, wara l-preżentata tar-rikors, tista' tkun biżżejjed biex ir-rikorrent ikollu jadatta l-motivi u l-argumenti tiegħu.

24 Ara wkoll f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża HX vs Il-Kunsill (C-423/16 P, EU:C:2017:493, punt 34).

25 Naturalment jekk l-att sussegwenti ma jkollux l-istess għan tal-att ikkontestat inizjalment, għandu jiġi ppreżentat rikors promotur ġdid skont l-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

26 Ara, f'dan is-sens, ir-raġunament żviluppat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 61 sa 73 tas-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Klyuyev vs Il-Kunsill (T-341/14, EU:T:2016:47).

68. Fil-fatt, fil-punt 41 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett ikkonstatat "li l-kuntest ġuridiku tal-miżuri restrittivi ġie emendat" permezz tal-atti tat-12 ta' Ottubru 2015. Imbagħad, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat mill-ġdid u fakkret li "ir-raġunijiet oriġinarjament użati […] ġew emendati u ssostitwiti bir-raġunijiet imsemmija fl-Annessi" għall-atti tas-27 ta' Mejju 2016, billi indikat li dawn l-atti "jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kriterji ta' elenkar miżjuda" bl-atti tat-12 ta' Ottubru 2015 "b'mod partikolari dak […] dwar l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja […]". Minn dan, hija kkonkludiet, fil-punt 45 tas-sentenza appellata, li "[billi l-atti tat-12 ta' Ottubru 2015] ġew adottati […] wara l-preżentata tar-rikors, ir-rikorrent ma setax jieħu inkunsiderazzjoni, fir-rikors, il-kriterji ta' elenkar introdotti minn dawn l-atti biex jikkontesta r-raġunijiet adottati fil-konfront tiegħu f[l-atti tas-27 ta' Mejju 2016]. Għalhekk, sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 86(4) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-rikorrent kellu jadatta l-motivi u l-argumenti tiegħu sabiex jiħu inkunsiderazzjoni l-imsemmija kriterji ta' elenkar".

69. Issa, f'ebda mument fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tispjega, u lanqas ma turi *a fortiori* li l-emenda tal-kriterji tal-elenkar wasslet għal differenza sostanzjali tar-raġunijiet għall-elenkar u għaż-żamma ta' isem tar-rikorrent fil-listi.

70. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma tispjega r-rabta bejn l-Artikolu 28(1) tad-Deċiżjoni 2013/255 li jindika li għandhom jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil "persuni […] li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim", u l-Artikolu 28(2) ta' dik id-deċiżjoni, miżjud permezz tad-Deċiżjoni 2015/1836 tat-12 ta' Ottubru 2015, li jispeċifika li huma ffriżati b'mod partikolari l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil "negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja".

71. Tali spjegazzjoni kienet tkun, fil-fehma tiegħi, partikolarment neċessarja, fid-dawl tal-fatt li, minn naħa, il-Qorti Ġenerali annullat l-atti tas-6 ta' Marzu 2015 u tat-28 ta' Mejju 2015, minħabba li l-Kunsill ma kien ipproduċa ebda prova li tista' ssostni jew li tikkorrobora l-eżistenza ta' rabta bejn ir-rikorrent u r-reġim Sirjan, jiġifieri, finalment, minħabba l-ksur tal-Artikolu 28(1) tad-Deċiżjoni 2013/255 u, min-naħa l-oħra, li n-natura "ewlenija" tan-negozjanti msemmija fl-Artikolu 28(2) ta' dik id-deċiżjoni, tista' tkun biss sempliċi preċiżazzjoni tar-rabta meħtieġa bejn il-persuna kkonċernata u r-reġim Sirjan, kif stabbilit fil-paragrafu 1 tal-imsemmi artikolu.

72. Għalhekk ma kienx biżżejjed li l-kriterji għall-elenkar ġew emendati wara l-preżentata tar-rikors biex l-appellant kellu jadatta l-motivi u l-argumenti tiegħu. Deċiżjoni mod ieħor, bħal dak li ħadet il-Qorti Ġenerali, tkun tfisser li kull nota ta' adattament -, li b'definizzjoni, hija introdotta wara l-adozzjoni ta' att li seħħ wara l-preżentata tar-rikors - għandha tinkludi motivi u argumenti adattati, li huwa ċertament kuntrarju għall-kliem ("jekk ikun il-każ") u għall-għanijiet tal-Artikolu 86(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

73. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali ma mmotivatx biżżejjed id-deċiżjoni tagħha, fil-punt 46 tas-sentenza appellata, li r-rikorrent kellu jipprovdi, fir-rigward tal-motivi għal annullament insostenn tar-rikors, spjegazzjonijiet u punti ta' fatt u ta' dritt ġodda, "b'kont meħud tal-evoluzzjoni tal-kuntest ġuridiku applikabbli, b'mod partikolari tal-introduzzjoni ta' kriterji ġodda ta' elenkar u tal-emenda tar-raġunijiet allegati fil-konfront tiegħu".

74. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata jiġi annullat sa fejn dan jiċħad bħala inammissibbli t-tieni talba għal adattament tar-rikors ippreżentat mill-appellant fl-ewwel istanza.

B. Fuq ir-raba' aggravju

75. Fil-kuntest tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant jitlob, fl-ewwel lok, li tiġi kkonstatata l-illegalità tal-atti tat-12 ta' Ottubru 2015 li jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil "negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja", peress li kwalifika daqstant wiesgħa u vaga, li tinkludi numru daqshekk kbir ta' persuni hija manifestament kuntrarja għall-Kapitolu VI tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fit-tieni lok, huwa jitlob li jingħata kumpens ta' EUR 700 000 bħala kumpens għal kull dannu mġarrab.

76. Fil-fehma tiegħi, dawn it-talbiet huma b'mod ċar, inammissibbli.

77. Fir-rigward tal-ewwel waħda, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

78. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'appell hija limitata għal evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali mogħtija fir-rigward tal-motivi diskussi quddiem il-qrati tal-ewwel istanza. Għalhekk parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam ta' appell hija limitata, tilwima iktar estiża minn dik li tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali [27].

79. Għandu jiġi kkonstatat, kif sostna ġustament il-Kunsill, li l-annullament mitlub tal-atti tat-12 ta' Ottubru 2015 ma ntalabx fl-ewwel istanza. Għaldaqstant, dan l-ilment tar-raba' aggravju huwa inammissibbli.

80. L-istess jgħodd fir-rigward tat-talba għal kumpens. Fil-fatt, l-appellant bl-ebda mod ma kkontesta r-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali, fil-punt 89 tas-sentenza appellata, ċaħdet it-talba tiegħu għall-kumpens għad-danni allegatament imġarrba, ippreżentata fl-ewwel istanza. Barra minn hekk, l-appellant ma jippreżenta l-ebda argument insostenn tal-kap tat-talbiet tiegħu intiż sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tagħtih il-kumpens mitlub.

C. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

81. Kif indikajt fil-punti 73 u 74 ta' dawn il-konklużjonijiet, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata inkwantu l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx biżżejjed ir-raġuni li għaliha hija ddikjarat bħala inammissibbli t-tieni talba għal adattament tar-rikors.

82. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

83. Fil-fehma tiegħi, dan ma huwiex il-każ inkwistjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli t-tieni nota ta' adattament tar-rikors, mingħajr ma semgħet lill-partijiet dwar in-natura sostanzjali tad-differenzi li jeżistu bejn, minn naħa, l-atti tas-6 ta' Marzu 2015 (inizjalment ikkontestati) u tat-28 ta' Mejju 2015 (li kienu s-suġġett tal-ewwel talba għal adattament) u, min-naħa l-oħra, l-atti tas-27 ta' Mejju 2016 (li huma s-suġġett tat-tieni talba għal adattament), fid-dawl tal-atti tat-12 ta' Ottubru 2015 (li emendaw il-kriterji tal-elenkar). Huwa għalhekk l-obbligu tagħha li tisma' lill-partijiet fuq din il-kwistjoni u tislet il-konsegwenzi tad-dritt kollha. Għaldaqstant, hemm lok li l-kawża tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali.

27 Is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2017, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-60/15 P, EU:C:2017:540, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

V. Konklużjoni

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar ’il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li:

1) Il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta’ Marzu 2017, Haswani vs Il-Kunsill (T-231/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:200), huwa annullat;

2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sa fejn din tikkonċerna l-ammissibbiltà u, jekk ikun il-każ, il-fondatezza tat-tieni talba għal adattament tar-rikors ippreżentata fl-ewwel istanza mill-appellant;

3) L-ispejjeż huma riżervati.